



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

---

**2013/0088(COD)**

14.10.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark  
Komunitarja  
(COM(2013)0161 – C7-0087/2013 – 2013/0088(COD))(COD))

Rapporteur għal opinjoni: George Sabin Cutaş

PA\_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan ewlieni tal-proposta għall-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2009 dwar it-trade mark Komunitarja flimkien mal-proposta biex temenda d-Direttiva 2008/95/KE hu li jiġu armonizzati sistemi ta' reġistrazzjoni tat-trade marks fl-Istati Membri tal-UE kollha, kif ukoll biex tkun żgurata l-koeżistenza u l-komplementarjetà bejn is-sistemi tat-trade marks nazzjonali u tal-UE, sabiex jagħmluhom aktar effiċjenti għan-negozji f'termini ta' spejjeż aktar baxxi u anqas kumplessi, veloċità akbar, aktar prevedibbiltà u sigurtà legali. Dan jista' jwassal għal żieda sostanzjali fl-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku.

L-opinjoni tiffoka esklussivament fuq l-aspetti relatati mal-kummerċ tal-proposta u b'mod partikolari fuq it-transitu ta' oġġetti ffalsifikati minn għol-Unjoni u l-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati fuq l-internet. Dwar tal-ewwel, il-proposta tal-Kummissjoni timmira li tnaqqas it-transitu ta' oġġetti foloz minn għol-Unjoni. L-opinjoni tappoġġja din l-inizjattiva għalkemm tagħmilha ċara li dan m'għandux ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq id-dritt tal-Unjoni li tappoġġja l-aċċess għall-mediċini għall-pajjiżi terzi skont *id-Dikjarazzjoni Ministerjali Doha tad-WTO dwar il-ftehim TRIPS u s-saħħa pubblika* adottata fl-14 ta' Novembru 2001. Għandu jiġi rikonoxxut, madankollu, li l-kwistjoni tal-aċċess għall-mediċini hija prinċipalment relatata ma' privattivi u sa ċertu punt biss mat-trade marks.

Rigward it-tieni aspekt relatat mal-kummerċ, l-għan tal-proposta huwa li jipprevjeni d-dħul ta' oġġetti ffalsifikati fl-Unjoni speċjalment permezz ta' bejgħ fuq l-internet. Din hija problema li saret partikolarment rilevanti fl-aħħar snin minħabba ż-żieda tan-numru ta' bejgħ fuq l-internet. L-opinjoni tiċċara l-istrumenti legali li jippermettu lill-proprjetarju tat-trade mark li jieħu azzjonijiet biex jipprevjeni l-importazzjoni ta' oġġetti ffalsifikati fejn huwa biss il-konsenjatur li jaġixxi għal skopijiet kummerċjali. Minħabba r-rilevanza tal-problema u l-interessi ekonomiċi involuti, huwa wkoll xieraq li l-kontrolli mill-Istati Membri fuq websajts tal-internet li jbiegħu prodotti ffalsifikati jiġu mtejba.

Fl-aħħar nett, l-opinjoni tindika l-ħtieġa li jitwessa' l-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Unjoni billi jiġu inklużi permezz ta' att leġiżlattiv futur tal-UE indikazzjonijiet ġeografiċi dwar oġġetti minbarra dawk agrikoli u ikel, inbid u spirti.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Bil-għan li tinżamm protezzjoni qawwija tad-drittijiet f'denominazzjonijiet

*Emenda*

(13) Bil-għan li tinżamm protezzjoni qawwija tad-drittijiet f'denominazzjonijiet

tal-orġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fil-livell tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li dawk id-drittijiet jintitolaw li titressaq oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni iktar tard ta' **marka kummerċjali** Ewropea, irrispettivament minn jekk hemmx ukoll raġunijiet għar-rifjut li għandhom jitqiesu ex officio mill-eżaminatur.

tal-orġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fil-livell tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li dawk id-drittijiet jintitolaw li titressaq oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni iktar tard ta' **trademark** Ewropea, irrispettivament minn jekk hemmx ukoll raġunijiet għar-rifjut li għandhom jitqiesu ex officio mill-eżaminatur. **Peress li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teżisti biss fir-rigward tal-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u ikel, inbid u spirti, il-Kummissjoni għandha tadotta proposta għal regolament li jarmonizza r-regoli tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi anke għal oġġetti minbarra dawk agrikoli u ikel, inbid u spirti.**

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni **tal-marka kummerċjali** u **jiġu** miġġielda b'mod iktar effettiv il-falsifikazzjoni, il-proprjetarju ta' **marka kummerċjali** Ewropea għandu jkunu intitolat li jimpedixxi lil partijiet terzi milli jgħibu oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn oġġetti bħal dawn jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom **marka kummerċjali** mingħajr awtorizzazzjoni, li tkun essenzjalment identika għal **marka kummerċjali** Ewropea rreġistrata fir-rigward ta' oġġetti bħal dawn.

#### *Emenda*

(18) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni **tat-trademark** u **tiġi** miġġielda b'mod iktar effettiv il-falsifikazzjoni, il-proprjetarju ta' **trademark** Ewropea għandu jkunu intitolat li jimpedixxi lil partijiet terzi milli jgħibu oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn oġġetti bħal dawn jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom **trademark** mingħajr awtorizzazzjoni, li tkun essenzjalment identika għal **trademark** Ewropea rreġistrata fir-rigward ta' oġġetti bħal dawn. **Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ottemperanza tal-Unjoni mar-regoli tad-WTO, b'mod partikolari mal-Artikolu V tal-GATT dwar il-libertà ta' tranżitu u d-dritt tagħha li tippromwovi l-aċċess għall-mediċini għall-pajjiżi terzi, u aktar speċifikament**

*għall-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-distribuzzjoni ta' mediċini ġeneriċi fl-UE u barra mill-UE.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Sabiex ikun hemm prevenzjoni iktar effettiva tad-dħul ta' prodotti mhux konformi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' bejgħ fuq l-internet, il-proprjetarju għandu jkollu d-dritt li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' oġġetti bħal dawn fl-Unjoni, fejn huwa biss dak li jikkonsenja l-oġġetti li jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.

*Emenda*

(19) Sabiex ikun hemm prevenzjoni iktar effettiva tad-dħul ta' prodotti mhux konformi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' bejgħ fuq l-internet, il-proprjetarju għandu jkollu d-dritt li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' oġġetti bħal dawn fl-Unjoni, fejn huwa biss dak li jikkonsenja l-oġġetti li jaġixxi għal skopijiet kummerċjali. ***Għal dan il-għan il-proprjetarju għandu jieħu azzjonijiet rilevanti kif ipprovdut fid-Direttiva 48/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-Regolament 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.***

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt -12 Ir-Regolament (KE) Nru 207/2009 Artikolu 9 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-proprjetarju ta' **marka reġistrata** għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-

*Emenda*

4. Il-proprjetarju ta' **trademark Ewropea** għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-

paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.

paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.

*Għal dan il-għan il-proprjetarju ta' trademark Ewropea għandu jkun intitolat li jieħu azzjonijiet legali rilevanti kif previst mid-Direttiva 48/2004/KE u li jitlob lill-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jiehd u azzjoni fir-rigward ta' merkanzija li allegatament tikser id-drittijiet tagħhom, bħal detenzjoni u qerda skont ir-Regolament Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.*

*L-Istati Membri għandhom ukoll jiehd u miżuri xierqa biex jipprevjenu l-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati fuq l-internet.*

## Emenda 5

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**  
Ir-Regolament 207/2009/KE  
Artikolu 9 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-proprjetarju ta' **marka kummerċjali** Ewropea għandu jkun intitolat li jimpedixxi lit-terzi persuni kollha minn importazzjoni ta' prodotti, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa hemmhekk, fejn tali prodotti, inkluż l-ippakkjar, jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom **marka kummerċjali** mingħajr awtorizzazzjoni, li tkun identika **għall-marka kummerċjali** Ewropea reġistrata fir-rigward ta' tali prodotti, jew li ma tistax tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik **il-marka kummerċjali**.

*Emenda*

Il-proprjetarju ta' **trademark** Ewropea għandu jkun intitolat li jimpedixxi lit-terzi persuni kollha minn importazzjoni ta' prodotti, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa hemmhekk, fejn tali prodotti, inkluż l-ippakkjar, jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom **trademark** mingħajr awtorizzazzjoni, li tkun identika **għat-trademark** Ewropea reġistrata fir-rigward ta' tali prodotti, jew li ma tistax tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik **it-trademark**. **Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ottemperanza tal-Unjoni mar-regoli tad-WTO, b'mod partikolari mal-Artikolu V tal-GATT dwar**

*il-libertà ta' tranżitu.*

## **Emenda 6**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**  
Ir-Regolament 207/2009/KE  
Artikolu 9a – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-twaħħil fil-kors tal-kummerç ta' sinjal identiku jew simili **għall-marka kummerçjali** Ewropea fuq preżentazzjoni, ippakkjar jew mezzi oħra li fuqhom il-marka tista' **titwaħħal**;

*Emenda*

(a) it-twaħħil fil-kors tal-kummerç ta' sinjal identiku jew simili, **kif speçifikat fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament, għat-trademark** Ewropea fuq preżentazzjoni, ippakkjar jew mezzi oħra li fuqhom il-marka tista' **tkun imwaħħla**;

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu għandu jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-identifikazzjoni u s-similarità diġà speçifikati fl-Artikolu 8(1).*

## **Emenda 7**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 74 a a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(74 aa) Indennizz tal-Importatur u tal-Proprietarju tal-Oġġetti**

**L-Aġenzija għandu jkollha l-awtorità li tordna lil proprjetarju ta' trademark Ewropea sabiex iħallas lill-importatur, lid-destinatarju u lill-proprjetarju tal-oġġetti kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat lilhom permezz ta' detenzjoni inġusta ta' oġġetti minħabba drittijiet ta' restrizzjoni tal-importazzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 9.**

## *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 56 tat-TRIPS, l-aġenzija rilevanti għandu jkollha l-awtorità li tordna li applikant, f'dan il-każ proprjetarju ta' trademark, jikkompensa b'mod xieraq lill-importaturi jew lill-proprjetarji għal detenzjonijiet inġusti. Id-detenzjonijiet inġusti jikkostitwixxu problema ewlenija u li qiegħda dejjem tikber. Skont ir-rapport annwali tal-Kummissjoni "L-Infurzar Doganali tal-UE tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali: Riżultati fil-Fruntiera", fl-2011, oġġetti nżammu bi żball f'iżjed minn 2 700 każ, żieda ta' 46 % fuq sentejn qabel.*



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Trade mark Komunitarja	
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0161 – C7-0087/2013 – 2013/0088(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 16.4.2013	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 16.4.2013	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	George Sabin Cutaş 25.4.2013	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	11.7.2013	16.9.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.10.2013	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 –: 2 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikiene, Maria Badia i Cutchet, Nora Berra, Daniel Caspary, Maria Auxiliadora Correa Zamora, Andrea Cozzolino, George Sabin Cutaş, Marielle de Sarnez, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Franziska Keller, Bernd Lange, Vital Moreira, Paul Murphy, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Štastný, Robert Sturdy, Jan Zahradil	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jarosław Leszek Wałęsa	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elisabeth Jeggle, Krzysztof Lisek, Iosif Matula, Paul Rübig, Catherine Stihler	